'The Adoration of the Shepherds' by Juan Bautista Maíno[1]

B'id waħda jerfa', bl-id l-oħra iżomm sod; b'bewsa jadura, bil-bastun imexxi. Dan hu Ġużeppi: kontemplazzjoni attiva, attiv b'mod kontemplattiv.

Il-wiċċ tant żagħżugħ impitter minn Maìno, joħroġ il-kwalità ta' Ġużeppi bħala missier mimli tenerezza, b'imħabba lejn l-Iben. Waqt li jmil b'umiltà, Ġużeppi jaħbi wiċċu minna; jibqa' fid-dell f'kuntrast mal-wiċċ mimli dija tal-Iben. Hekk il-missier tal-art ma jgħattix il-Missier tas-sema.

Bejn is-swaba ta' jdejh, immarkati mix-xogħol u x-xemx, iżomm l-idejn teneri ta' Alla-li-sar-bniedem. Il-missier isir il-qaddej tal-Iben.

Li tadura ifisser li tidħol f'intimità mad-divin, li tkun f'komunjoni miegħu, li tagħraf lil Alla. B'dan il-mod, permezz tal-imħabba, niskopru li - qabel kollox - aħna tassew maħbuba.

Il-bewsa ta' Ġużeppi tlaqqagħna mal-misteru. Il-missier fid-dell, l-Iben fid-dawl.

Nitolbu li aħna u nservu lill-bniedem maħluq xbieha t'Alla niltaqgħu ma' Alla li jħobbna qatiegħ; u l-ħin fit-talb ilaqqagħna ma' Alla li jibgħatna għand il-bniedem li Hu tant iħobb.

[1] http://www.laycentre.org/schede-630-in_the_school_of_st_joseph_st_joseph_through_art